KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

**Brussell, 14 ta' Jannar 2011 (18.01)**
**(OR. en)**

**18066/10**
**ADD 2**

**LIMITE**

**ECOFIN 866**
**COMPET 443**
**SOC 858**
**ENV 878**
**EDUC 235**
**RECH 426**
**ENER 372**

PUBLIC

**NOTA TA' TIFSIR**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Jannar 2011 |
| lil: | Is-Sur Pierre de BOISSIEU, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | STĦARRIĠ ANNWALI DWAR IT-TKABBIR<br>ANNESS 2<br>RAPPORT MAKROEKONOMIKU |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni COM(2011) 11 finali Anness 2.

---

Mehmuż: COM(2011) 11 finali Anness 2

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 12.1.2011
KUMM(2011) 11 finali

# STĦARRIĠ ANNWALI DWAR IT-TKABBIR

## ANNESS 2

## RAPPORT MAKROEKONOMIKU

## STĦARRIĠ ANNWALI DWAR IT-TKABBIR

## ANNESS 2

## RAPPORT MAKROEKONOMIKU

L-azzjonijiet tal-Istati Membri bejn l-2011 u l-2012 se jkunu kruċjali biex jiġi evitat "xenarju ta' deċennju mitluf". Iridu jiġu stabbiliti prijoritajiet ta' politika, ta' azzjoni fiż-żmien opportun u ta' kontenut skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali u li jkunu jirriflettu fost affarijiet oħra r-riskji għas-sostenibbiltà fiskali u l-ħtieġa li jiġu korretti l-iżbilanċi eċċessivi. L-aktar kompitu urġenti huwa dak li jitkisser iċ-ċirku vizzjuż li qed jopera f'xi Stati Membri ta' dejn mhux sostenibbli, sfrattar tas-suq finanzjarju u ta' tkabbir ekonomiku baxx. Filwaqt li l-abbozzi ta' Programmi Nazzjonali ta' Riforma ppreżentati f'Novembru jagħrfu l-urġenza li jiġu indirizzati l-isfidi makroekonomiċi b'mod integrat, ħafna drabi ma jaslux biex jipproponu reazzjonijiet adegwati ta' politika.

Dan id-dokument għandu l-għan għalhekk li jkun ta' għajnuna billi jindika miżuri li għandhom l-aqwa potenzjal li jwasslu għal effetti makroekonmiċi pożittivi u li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkunsudraw li jimplimentaw fis-sentejn li ġejjin. L-ewwel sezzjoni tistabbilixxi l-kuntest billi tagħti ħarsa lejn l-iżbilanċi u d-dgħjufijiet li tfaċċaw qabel il-kriżi u lejn il-wirt li ħalliet l-agħar kriżi ekonomika mid-Depressjoni l-Kbira fis-snin 1930. It-tieni sezzjoni tiffoka fuq il-ħtieġa li l-finanzi pubbliċi jitqiegħdu mill-ġdid fuq it-triq it-tajba. It-tielet sezzjoni tressaq argumenti għall-fejqan malajr tas-settur finanzjarju. L-aħħar sezzjoni tixħet dawl fuq l-urġenza ta' riformi strutturali biex jiġu kkoreġuti żbilanċi makroekonomiċi u biex jissewwew il-forzi li jwasslu għat-tkabbir li qegħdin jiddgħajfu.

### 1. L-EWROPA GĦADDEJJA MINN ŻMINIJIET PARTIKOLARMENT TA' SFIDA

**L-ekonomija Ewropea qiegħda bil-mod ħierġa mill-agħar reċessjoni f'għexieren ta' snin.** Il-kriżi ekonomika wasslet għal telf kbir fl-attività ekonomika fl-UE, li ġiet flimkien mat-telf ta' miljuni ta' impjiegi, u prezz uman għoli. Id-dgħjufijiet strutturali ta' qabel il-kriżi, li ma kinux ġew indirizzati b'mod xieraq, ħarġu fid-deher b'mod mill-aktar ċar.

***L-UE kienet qed tbati minn dgħjufijiet strutturali qabel il-kriżi.***

**Filwaqt li l-UE hija żona għanja, it-tkabbir ekonomiku tagħha fl-aħħar għaxar kien dgħajjef meta mqabbel ma' livelli internazzjonali** (ara l-Grafika 1). F'termini ta' PDG kull ras, l-EU-27 hija ħafna aktar għanja mill-medja tal-G20, iżda għadha 'l isfel sew minn ħafna pajjiżi tal-OECD li mhux membri tal-UE, kif ukoll tal-OECD meħuda f'daqqa. Fl-istess ħin, il-prestazzjoni tat-tkabbir tagħha mill-2000 kienet ta' diżappunt kbir, taħt dik tal-ekonomiji żviluppati kollha ħlief tal-Ġappun u b'mod ċar taħt dik tal-biċċa l-kbira tal-ekonomiji emerġenti. Dan ifisser li d-differenza ma' ekonomiji oħra żviluppati qed tiżdied. Peress li d-differenza ma tistax tiġi spjegata bħala tnaqqis tad-distakk, il-prestazzjoni dgħajfa tat-tkabbir tal-UE bilfors li

hija marbuta ma' dgħjufijiet strutturali. Meta wieħed imur lil minn mill-indikaturi tat-tip tal-PDG, din id-dehra ġeneralment negattiva taħbi ċerti punti qawwija fejn jidħlu livelli ta' għajxien, bħal ma huma inugwaljanza bejn il-pagi relattivament baxxa, stennija tal-ħajja għolja u prestazzjoni ambjentali relattivament qawwija (pereżempju kif imkejla minn emissjonijiet ta' $CO_2$ għal kull unità ta'r produzzjoni).

**Kien hemm diversi "xkiel" li żamm lura t-tkabbir fl-UE matul l-aħħar għaxar snin.** Il-kontabbiltà standard tat-tkabbir turi li qabel il-kriżi (2001-07) il-produttività tal-ħaddiema kienet il-mutur ewlieni tat-tkabbir, filwaqt li l-utilizazzjoni tal-ħaddiema u ż-żieda fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol kienet responsabbli għal biss kwart tat-tkabbir totali; b'mod partikolari il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' żgħażagħ u rġiel fl-aqwa tagħhom, li naqset, u t-tnaqqis fis-sigħat ta ' xogħol maħduma, kienu qed iniżżlu 'l isfel it-tkabbir fl-EU-27 (ara l-Grafika 2). Il-kriżi kompliet iddallam id-dehra. Dan wassal għal tnaqqis fil-PDG, b'żieda qawwija fil-qgħad u tnaqqis sinifikanti fil-produttività totali tal-fatturi (*total factor productivity* – TFP), spjegata fil-biċċa l-kbira bit-tnaqqis qawwi li kien hemm fl-użu tal-kapaċità. Jidher ċar li l-UE u ż-żona tal-euro jinsabu taħt sew l-Istati Uniti kif ukoll il-Ġappun sew fejn jidħlu liveli ta' TFP kif ukoll ta' utilizzazzjoni tal-ħaddiema; dwar dan tal-aħħar, id-differenza hija profonda speċjalment fiż-żewġ estremi tal-firxa tal-etajiet, kif jidher mid-differenza ċara ħafna fir-rati tal-impjieg (ara l-Grafika 3).

Grafika 1: **Livell u tkabbir tal-PDG**

***PDG kull ras fl-2010*** *(% differenza fil-konfront tal-EU-27 fi standard tal-kapaċità tal-akkwist - PPS)*




*Medja ta' tkabbir ekonomiku bejn l-2000 u l-2010*



Grafika 2: **Analiżi tat-tkabbir fil-PDG**




Grafika 3: **Rata ta' impjieg**

*Impjieg totali mqabbel mal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol 20-64*




Grafika 4: **Nefqa primarja reali mqabbla ma' tkabbir reali fil-PDG**

*Rati medji ta' tkabbir 2003-2007*




Nota: L-ordni tal-Istati Membri sar skont kemm it-tkabbir fin-nefqa primarja reali medja huwa akbar mit-tkabbir fil-PDG medju reali.

**Fis-snin ta' qabel il-kriżi, għadd ta' Stati Membri tal-UE ddevjaw mill-prinċipji bażiċi tal-tfassil prudenti tal-politika fiskali**. Parti biss mill-qligħ sinifikanti mhux mistenni li ġie ġġenerat bl-espansjoni ekonomika bejn l-2003 u l-2007 ġie użat biex jaċċellera l-aġġustament fiskali. Parti, mhux negliġibbli, marret f'aktar infiq: ir-rata ta' tkabbir tan-nefqa primarja qabżet ir-rata medja tat-tkabbir ekonomiku fi tnax-il Stat Membru tal-UE fiż-żminijiet it-tajba ta' qabel il-kriżi (2003-2007), f'xi każi fil-wisgħa (ara l-Grafika 4). In-natura mhux sostenibbli ta' din l-għażla politika dehret ċar hekk kif bdiet il-kriżi, meta l-kollass tal-introjti tal-gvern f'daqqa waħda kixef pożizzjonijiet baġitarji sottostanti vulnerabbli fejn f'ħafna każi kien hemm ftit, jew l-ebda, spazju fiskali biex tkun tista' ssir reazzjoni għat-tnaqqis ekonomiku.

**Tul l-għaxar snin ta' qabel il-kriżi, l-iżbilanċi makroekonomiċi fl-UE wkoll żdiedu b'mod konsiderevoli.** F'xi Stati Membri żviluppaw żbilanċi domestiċi sinifikanti. Dan kien rifless fid-diverġenża qawwija fil-kontijiet kurrenti u fl-iżviluppi dwar il-kompetittività, kif jidher fil-Grafika 5 għaż-żona euro. Barra minn dan, xi Stati Membri taż-żona euro għaddew minn telf inkwetanti fejn jidħol is-sehem tagħhom fis-suq tal-esportazzjoni. L-iżbilanċi esterni ġew sostnuti minn livelli ta' pagi li ma jirriflettux l-iżviluppi fil-produttività, żieda eċċessiva fil-kreditu fis-settur privat, żieda esaġerata fil-prezzijiet fis-settur tal-akkomodazzjoni kif ukoll dgħjufijiet strutturali tad-domanda domestika[1].

Grafika 5: **Evoluzzjoni tal-kompetittività tal-prezzijiet mqabbla mal-bqija taż-żona euro**

*(indiċijiet; 1998 = 100, iż-żidiet jirrappreżentaw telf fil-kompetittività)*




1 Ara Il-Kummissjoni Ewropea (2010), Sorveljanza tal-kompetittività u l-iżbilanċi fi ħdan iż-żona euro, Ekonomija Ewropea 1.

*Impatt tal-kriżi fuq l-ekonomija reali u l-impjiegi*

Grafika 6: **PDG u l-impjiegi**

*(2008Q1=100)*




*Sors: Eurostat; ECFIN, tbassir tal-ħarifa*

*Nota: il-profil għat-tbassir dwar l-impjiegi – disponibbli biss fuq bażi annwali - ġie interpolat b'mod lineari biex jinkiseb il-profil tiegħu fuq tliet xhur*

**It-tnaqqis qawwi fil-PDG qered bejn wieħed u ieħor erba' snin ta' tkabbir.** It-telf fil-produzzjoni fl-2008 u l-2009 niżżel il-PDG tal-UE lura fil-livell li kien fih fl-2006. L-UE mistennija li tirkupra l-livell ta' produzzjoni li kien hemm fl-ewwel tliet xhur tal-2008 – qabel ma l-kriżi laqtet l-ekonomija reali – mhux qabel it-tieni tliet xhur tal-2012, skont it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2010 tal-Kummissjoni (Grafika 6). Sa tmiem l-2011, għaxar Stati Membri biss mistennija li jkunu rritornaw għal-livelli ta' produzzjoni li kellhom fl-2008, jew li jkunu qabżuhom. Sa tmiem l-2012, ħdax-il Stat Membri jkunu għadhom mistennija li jibqgħu fuq livelli ta' produzzjoni li jkunu taħt dawk ta' qabel il-kriżi. Għad qed ikun projettat li, fi tmiem l-2012, l-impjiegi jibqgħu taħt il-livell tagħhom ta' qabel il-kriżi (b'aktar minn 1%).

**Il-kriżi tat daqqa qawwija lis-soċjetajiet Ewropej b'żieda qawwija fil-qgħad**. Il-qiegħda rrappreżentaw 7% tal-għadd totali ta' min lest jaħdem fl-EU-27 fl-2008. Fl-2010 kienu jgħoddu kważi 10%, bil-possibbiltà li r-rata tal-qgħad tibqa' fuq id-9% fl-2012, kif jidher fil-Grafika 7. Ir-rata tal-qgħad hija għolja b'mod partikolari, fejn taqbeż it-12%, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Greċja, fis-Slovakkja, fil-Latvja, fil-Litwanja u fi Spanja. Il-qgħad għat-tul – dawk li jkunu ilhom bla xogħol għal aktar minn sena - żdied b'mod qawwi u bħalissa jirrappreżenta madwar 40% tal-qgħad totali fl-UE. Dan jitfa' dawl fuq ir-riskju ta' esklużjoni għat-tul mis-suq tax-xogħol. Ir-rata tal-qgħad hija għolja b'mod partikolari fost dawk b'livelli baxxi ta' ħiliet, fost l-immigranti u fost iż-żgħażagħ. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ jiżboq l-20% f'aktar minn nofs l-Istati Membri tal-UE u jilħaq it-42% f'pajjiż wieħed (fi Spanja).

Grafika 7: **Rati ta' qgħad attwali u strutturali fl-EU-27**

*(2008Q1=100)*




**Il-kriżi kompliet tnaqqas il-potenzjal għal aktar tkabbir permezz taż-żieda qawwija fil-qgħad strutturali u t-tnaqqis qawwi fir-rata tal-investiment.** It-tkabbir tal-produzzjoni potenzjali fl-EU-27 mistenni li jkun partikolament baxx (1,1%) tul il-perjodu tat-tbassir (2010-12), dovut kemm għal tkabbir baxx fil-produttività kif ukoll għall-utilizazzjoni baxxa ta' ħaddiema. Is-sitwazzjoni mistennija li tkun anki aktar mwiegħra fiż-żona tal-euro, b'xejriet bejn wieħed u ieħor l-istess, iżda aktar gravi. L-użu anqas ta' ħaddiema huwa marbut maż-żieda qawwija fir-rata ta' qgħad strutturali (Grafika 7) iżda wkoll ma' aktar tnaqqis fl-għadd medju ta' sighat maħduma minn kull ħaddiem u t-tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. It-tkabbir potenzjali se jkun ukoll affettwat minn akkumulazzjoni aktar bil-mod ta' kapital, ġej minn rati ta' investiment fost l-aktar baxxi li qatt kien hemm, minħabba l-kriżi, u minn tkabbir ta' produttività tal-fatturi totali batuta, li qed tirkupra bil-mod il-mod iżda biss lejn il-linja ta' qabel il-kriżi li diġà kienet dgħajfa.

***Żbilanċi fiskali aggravaw, bi tnaqqis bilmod ta' żbilanċi makro***

Grafika 8: **Livell ta' dejn pubbliku fl-2008 u t-tbassir dwar kif għandu jikber bejn l-2008-2012**

*(% GDP)*




*Sors: ECFIN, tbassir tal-ħarifa*

**Il-kriżi kellha impatt drammatiku fuq il-finanzi pubbliċi fiż-żona tal-euro u fl-UE.** Fi żmien perjodu qasir, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG żdied b'mod qawwi fi kważi l-Istati Membri kollha, u dan xejjen għal kollox il-progress moderat li kien hemm fis-snin ta' qabel il-kriżi (ara l-Grafika 8). Fi tmiem l-2010, id-dejn gross tal-gvern mistenni li jkun tela' għal madwar 84% tal-PDG fiż-żona tal-euro u madwar 79% tal-PDG fl-UE, madwar 20 punti perċentwali fuq il-livelli tal-2007. Bl-għażliet ta' politika li jeżistu bħalissa, din ix-xejra għandha għax tibqa' għaddejja.

**Id-deterjorament qawwi li hemm bħalissa fil-finanzi pubbliċi jirriżultaw minn tnaqqis mid-dħul u aktar pressjonijiet fuq in-nefqa kif ukoll stimuli fiskali diskrezzjonali.** Il-finanzi tal-gvern f'xi Stati Membri saru dipendenti fuq sorsi ta' dħul li huma jew ċikliki ħafna jew inkella temporanji. Dan ikkontribwixxa għall-kollass fl-introjti tal-gvern, meta seħħet kontrazzjoni qawwija fl-attività ekonomika filwaqt li l-infiq tal-gvern inżamm bejn wieħed u ieħor fil-livell kif ippjanat qabel. L-Istati Membri ħallew lill-istabbilizzaturi awtomatiċi tagħhom jaħdmu b'mod sħiħ, ħaġa li taffiet l-impatt tal-kriżi globali fuq l-ekonomija reali. Madankollu, peress li dan ma kienx suffiċjenti biex jitrażżan it-tnaqqis fid-domanda u biex jiġi evitat ir-riskju li s-sistemi finazjarji jitfarrku, il-biċċa l-kbira tal-gvernijiet tal-UE implimentaw ukoll miżuri fiskali diskrezzjonali taħt il-qafas komuni tal-Programm Ewropew tall-Irkupru Ekonomiku mniedi mill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2008.

**Din il-pressjoni addizzjonali reċenti fuq il-finanzi pubbliċi ġiet b'żieda mal-effetti negattivi fuq il-finanzi pubbliċi tal-fatt li l-popolazzjoni qed tavvanza fl-età.** Dan il-proċess kien ilu jberren għal żmien twil, u jekk ma jsirux riformi malajr, se jkun żgur ta' piż baġitarju għat-tul, ħaġa li se tkompli taggrava s-sitwazzjoni fiskali li diġà tqanqal tħassib. Jekk il-politika tibqa' kif inhi, is-sostenn pubbliku għall-anzjani fejn jidħol l-għoti tal-pensjonijiet u ta' benefiċċji oħra marbuta mal-età (kura tas-saħħa u kura għat-tul) mistennija li tiżdied b'xi 4½ punti perċentwali tal-PDG fl-UE matul il-50 sena li ġejjin. F'madwar terz tal-Istati Membri, iż-żieda fin-nefqa tal-gvern marbuta mal-avvanz tal-età mistennija li tiżboq is-7 punti perċentwali tal-PDG.

**Il-kriżi kkoreġiet biss parzjalment, u b'mod temporanju, l-iżbilanċi kbar makroekonomiċi li kien hemm f'ħafna Stati Membri qabel ma faqqgħet.** Hekk kif ir-reċessjoni ta' bħalissa rrestrinġiet id-domanda eċċessiva u neħħiet jew taffiet attivitajiet li joħolqu diverġenza (jiġifieri żidiet eċċessivi fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni u l-espansjoni tal-kreditu), naqsu l-iżbilanċi sfavorevoli fil-kont kurrenti. Madankollu, l-iżbilanċi fil-kont kurrenti ta' bħalissa għadhom sinifikanti, speċjalment fi ħdan iż-żona euro, u mhumiex mistennija li jbattu malajr, kif jidher fil-Grafika 9. Il-Grafika 10 turi li dawk l-Istati Membri tal-UE li kellhom defiċit kbir (bilanċ favorevoli) fil-bilanċ tal prodotti u servizzi fil-bidu tal-kriżi ġeneralment kienu għadhom b'defiċit (bilanċ favorevoli) sentejn wara, meta l-attività ekonomika bdiet tirranka. Dan huwa riflessjoni parzjali ta' dgħjufijiet strutturali, bħal ma huma dgħjufijiet fid-domanda domestika (f'pajjiżi fejn hemm bilanċ favorevoli) u kompetittività dgħajfa ta' prezzijiet u kosti, ħafna drabi f'għaqda ma' livelli għolja ta' dejn (f'pajjiżi b'defiċit).

Grafika 9: **Analiżi tal-kont kurrenti, żona tal-euro**

Grafika 10: **Bilanċ ta' prodotti u servizzi u l-bidliet imbassra sal-2010**

*(valuri pożittivi= bilanċ favorevoli; valuri negattivi= defiċiti; % GDP)*







*Sors: Tbassir tal-ECFIN tal-ħarifa*

*Nota: L-Istati Membri taż-żona euro huma identifikati bħala pajjiżi ta' bilanċ favorevoli jew defiċit abbażi tal-pożizzjoni tagħhom fejn jidħol il-kont kurrenti fl-2006.*

## Il-ħtieġa għal reazzjonijiet differenzjati ta' politika fost l-Istati Membri

Grafika 11: **Kundizzjonijiet differenzjati ta' bidu fl-2010**

*Defiċit pubbliku/importazzjonijiet netti ta' oġġetti u servizzi***




*Dejn pubbliku/defiċit tal-kont estern**




*Sors: ECFIN, tbassir tal-ħarifa*

**Id-defiċit tal-kont estern ifisser teħid b'self nett vis-à-vis l-bqija tad-dinja (kont kurrenti biż-żieda ta' tranżazzjonijiet ta' kapital). Dan il-kunċett juri l-bidla annwali fid-dejn estern.*

*** L-importazzjonijiet netti ta' oġġetti u servizzi jissejħu wkoll "defiċit fil-bilanċ ta' oġġetti u servizzi", u huma direttament influwenzati mill-kompetittività tal-prezzijiet. Il-bilanċ favorevoli tal-Lussemburgu jaqbeż it-30% tal-PDG, lil hinn mil-limiti ta' din il-grafika.*

**L-Istati Membri tal-UE esperjenzaw kundizzjonijiet fiskali u esterni differenti ħafna, li jeħtieġu politiki li jkunu magħmulin apposta.** Il-Grafika 11 turi b'mod illustrattiv u permezz ta' indikaturi differenti, li ċerti Stati Membri qegħdin jaffaċċjaw sfidi partikolarment pressanti biex jaġġustaw il-finanzi pubbliċi mhux sostenibbli tagħhom u jikkoreġu l-iżbilanċi esterni tagħhom.

Approċċ uniformi mhux se jirnexxi, u l-prijoritajiet tal-Istati Membri fl-2011-2012 għandhom ikunu ffurmati *inter alia* mir-riskji għas-sostenibbiltà fiskali u l-ħtieġa biex jiġu kkorreġuti l-iżbilanċi. L-Istati Membri li għandhom żbilanċi kbar fiskali u/jew makroekonomiċi qed jaffaċċjaw pressjoni kbira fuq l-għażliet politiċi tagħhom u għandhom, bħala kwistjoni ta' prijorità, jikkorreġu l-iżbilanċi eżistenti. L-Istati Membri li m'għandhomx problemi makroekonomiċi maġġuri jew riskji evidenti għandhom jagħmlu ħilithom biex itejbu s-sostenituri tat-tkabbir fit-tul, filwaqt li jipprevjenu l-okkorrenza ta' żbilanċi futuri.

## 2. IL-KONTROLL TAD-DEJN PUBBLIKU PERMEZZ TA' KONSOLIDAZZJONI FISKALI RIGORUŻA U DEWWIEMA

### *Il-ħtieġa li ssir konsolidazzjoni issa*

Grafika 12: **Defiċits strutturali u MTOs**

*(% GDP)*




**Filwaqt li l-kriżi laqtet il-baġits tal-gvernijiet bejn l-Istati Membri tal-UE kollha, l-istat attwali tal-finanzi pubbliċi jvarja b'mod sinifikanti fl-Istati Membri.** Kif indikat fil-Grafika 12, id-differenza bejn id-defiċit – ikkorreġut għaċ-ċiklu ekonomiku u l-miżuri ta' darba, jiġifieri d-defiċit strutturali – u l-objettiv baġitarju għall-medda medja ta' żmien (MTO) hija partikolarment kbira (iktar minn ħames punti ta' perċentwal tal-PDG) fi tnax-il Stat Membru. L-Istati Membri li adottaw politika fiskali iktar prudenti qabel il-kriżi ekonomika mingħajr preċedent jinsabu f'sitwazzjoni relattivament aħjar. Huma akkumulaw inqas żbilanċi fiskali matul il-kriżi peress li kellhom iktar spazju fiskali biex jiġġieldu kontra r-riċessjoni.

**L-irtirar tal-istimolu fiskali diskrezzjonarju implimentat matul il-kriżi mhux se jkun biżżejjed sabiex jerġa' jkun hemm sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.** Il-proporzjon tad-dejn mal-PDG se jiddgħajjef minħabba l-akkumulazzjoni tad-defiċits pubbliċi u anke minħabba l-obbligi impliċiti previsti minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni u t-tkabbir dgħajjef mistenni fuq żmien medju fiż-żona tal-euro u fl-UE. Barra minn hekk, il-proporzjonijiet tad-dejn tal-gvern fl-UE issa laħqu livelli li lil hinn minnhom is-self tal-gvern se jfixkel it-tkabbir ekonomiku pjuttost milli jistimulah. Il-ħlas ta' interessi fuq livelli għoljin tad-dejn pubbliku jeħtieġ taxxi ogħla li

jistgħu jkunu ta' tfixkil u ma jħallix spazju għall-infiq produttiv tal-gvern permezz ta' nefqa ogħla tal-interessi jew it-tnejn li huma. Iż-żieda addizzjonali tad-dejn x'aktarx ukoll li se żżid iktar il-premia tar-riskju fuq il-bonds tal-gvern, tgħolli iżjed il-piż tal-interessi fuq id-dejn, u b'hekk toħloq dinamika mhux sostenibbli u eventwalment titfa' dubju fuq is-solvenza tal-gvernijiet fis-swieq finanzjarji.

**L-isforz ta' aġġustament, li huwa meħtieġ sabiex il-finanzi pubbliċi jerġgħu jitpoġġew fit-triq sostenibbli, huwa sinifikanti ħafna u għandu jkun ikkumplimentat b'politiki ta' tkabbir.** Simulazzjonijiet sempliċi jindikaw li t-tijib annwali tal-bilanċ tal-baġit strutturali ta' 0,5% tal-PDG – il-limitu konvenzjonali skont id-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (SGP) – ovvjament mhux se jkun biżżejjed f'ħafna Stati Membri tal-UE biex iressqu l-proporzjon tad-dejn mal-PGD qrib il-limitu bbażat fuq it-Trattat ta' 60% tal-PDG fil-futur prevedibbli (ara l-Grafika 13). Korrezzjonijiet fiskali biss ta' 1% tal-PDG kull sena jew iktar se jpoġġu l-livelli tad-dejn fil-perċentwal tal-PDG f'niżla soda f'dawn l-għoxrin sena li ġejjin. Madankollu, il-konsolidazzjoni fiskali, filwaqt li hija assolutament neċessarja, tista' ma tkunx dejjem biżżejjed biex twaqqaf d-dinamiċi ħżiena tad-dejn malajr u għal żmien twil. It-tkabbir tal-produzzjoni iktar b'saħħtu huwa indispensabbli biex jiżdied id-dħul fiskali u jnaqqas in-nefqiet relatati mal-qgħad, filwaqt li awtomatikament inaqqas il-livell tad-dejn espress bħala sehem tal-PDG.

Grafika 13: **Il-projezzjoni tad-dejn pubbliku fl-UE**

Perċentwal tal-PDG




Nota: Il-projezzjonijiet jassumu r-rata ta' konsolidazzjoni speċifika għal kull Stat Membru sakemm jikseb l-objettiv baġitarju għal medda medja ta' żmien (MTO).

**Minħabba dan, dawk li jfasslu l-politiki fiskali fl-UE qed jaffaċċjaw sfida doppja kbira:** ippoġġu l-politika fiskali lura fit-triq sostenibbli filwaqt li jipproteġu jew isostnu t-tkabbir ekonomiku u l-impjieg fi żmien qasir. Fiċ-ċirkustanzi attwali, hemm raġuni għalfejn wieħed jemmen li jekk jiġu rranġati l-finanzi pubbliċi, dan se jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku fiż-żmien medju. Id-dewmien tal-aġġustament fiskali se jkun biss qed jevita u jkabbar il-problema. Dan se jikkomprometti b'mod gravi l-ħila tagħna biex niffurmaw b'mod attiv il-futur tagħna, u jpoġġi l-ġenerazzjonijiet tal-futur f'riskju kbir.

**Minkella li l-livell ta' urġenza mhuwiex l-istess fl-Istati Membri kollha, il-konsolidazzjoni tibqa' għażla politika ewlenija għal kulħadd.** Fl-2010, il-politika fiskali baqgħet issostni d-domanda aggregata fl-UE u fiż-żona tal-euro. Peress li l-irkupru ekonomiku hu mistenni li jaqbad ir-ritmu b'mod gradwali fis-snin li ġejjin, wasal iż-żmien li tinbidel il-qagħda tal-politika. L-Istati Membri li għandhom defiċits tal-baġits strutturali kbar ħafna jew proporzjonijiet għoljin ħafna tad-dejn pubbliku mal-PDG għandhom jaħdmu biex jagħmlu l-aġġustament tagħhom fl-2011-12. Dan għandu jkun il-każ partikolarment għal dawk l-Istati Membri li qed jaffaċċjaw livelli għoljin ta' diffikultà finanzjarja: ċerti Stati Membri bħal pereżempju l-Greċja u l-Irlanda se jaċċelleraw l-aġġustament tagħhom fis-sentejn li huma, filwaqt li Spanja u l-Portugall se jagħmlu hekk fl-2012 biss.

*Ingredjenti ewlenin għal konsolidazzjoni dewwiema u favur it-tkabbir*

**L-Istorja tagħti evidenza ċara dwar kif il-konsolidazzjoni fiskali tista' tkun ta' suċċess fir-rigward kemm tal-effett dewwiemi fuq il-finanzi pubbliċi tul iż-żmien kif ukoll l-impatt fuq it-tkabbir ekonomiku.** Il-lezzjonijiet tal-imgħoddi jikkonċernaw ħames dimensjonijiet relatati ma' xulxin tat-tfassil tal-politika fiskali: il-kompożizzjoni tal-aġġustament fiskali, il-kredibilità tal-istrateġija tal-politika, il-kuntest istituzzjonali, l-inizjattivi politiċi komplimentattivi u l-kondiviżjoni tal-piż fis-soċjetà.

(1) *Il-kompożizzjoni tal-aġġustament fiskali:* Il-fattur waħdieni l-iktar importanti li jiddiskrimina bejn is-suċċess u l-falliment tal-konsolidazzjoni fiskali hija l-kompożizzjoni tal-aġġustament. Il-korrezzjonijiet li huma bbażati fuq in-nefqa, speċjalment il-korrezzjonijiet tan-nefqa primarja attwali, x'aktarx illi se jipproduċu titjib dewwiemi fil-finanzi pubbliċi u impatt inqas serju, u li f'ċerti ċirkostanzi jista' jkun anke impatt pożittiv, fuq it-tkabbir ekonomiku fiż-żmien qasir, milli korrezzjonijiet ibbażati fuq id-dħul. It-trażżin tal-iżviluppi tan-nefqa huwa inqas ta' tfixkil għat-tkabbir milli ż-żieda tal-piż tat-taxxa, li diġà huwa għoli fl-UE minkejja li jeżistu varjazzjonijiet sinifikanti fost l-Istati Membri. Fir-rigward tal-kredibilità, it-tnaqqis fin-nefqa juri impenn iktar qawwi min-naħa tal-gvern biex isegwi l-isforzi ta' konsolidazzjoni. Iż-żidiet fid-dħul u t-tnaqqis fin-nefqa fl-investimenti jistgħu jkunu eħfef biex jiġu implimentati b'mod politiku, iżda huma ta' piż fuq il-prospetti ta' tkabbir għal żmien medju u fit-tul ta' ekonomija u ħafna drabi jitneħħew maż-żmien. F'ħafna Stati Membri, il-kontroll tan-nefqa se jiġi ssupplimentat minn miżuri li jżidu d-dħul. Għandha tingħata wkoll attenzjoni dovuta lill-kwalità tat-tassazzjoni, billi jinġabar id-dħul b'mod effiċjenti u billi jitnaqqas l-impatt negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku filwaqt li jiġu kkunsidrati konsiderazzjonijiet ta' ekwità. It-twessigħ tal-bażijiet tat-taxxa, pereżempju billi jitneħħew l-eżenzjonijiet mit-taxxa li huma ta' ħsara għall-ambjent huwa preferibbli minn żieda tar-rati tat-taxxa. Ċerti nefqiet tat-taxxa eżistenti jistgħu ma jkollhom l-ebda raġuni ekonomika soda jew inkella jipprovdu inċentivi li mhumiex konformi mal-għanijiet oriġinali tagħhom. It-taxxa fuq il-proprjetà immobbli segwita mit-taxxi tal-konsum, inklużi taxxi relatati mal-ambjent, huma l-inqas ta' tfixkil, filwaqt li t-taxxi tad-dħul personali u t-taxxi tad-dħul korporattiv jistgħu jkollhom impatt li jkun iktar ta' ħsara fuq it-tkabbir.

(2) *Il-Krebilità tal-istrateġija politika:* Pjanijiet konvinċenti u kredibbli jistgħu joħolqu aspettattivi tat-tnaqqis tar-rati ta' interessi reali u tal-obbligi tat-taxxa futuri u, għalhekk,

għandhom il-potenzjal li jsaħħu n-nefqa tal-konsum ta' unitajiet domestiċi privati u n-nefqa f'investimenti ta' kumpaniji. Fil-prattika, il-kredibilità ta' pjan ta' aġġustament multiannwali tista' tissaħħaħ permezz ta' leġiżlazzjoni li tistabbilixxi b'mod vinkolanti pjan direzzjonali ta' miżuri suċċessivi li jikkontribwixxu għal aġġustament ppjanat multiannwali.

(3) *Istituzzjonijiet fiskali:* Is-suċċess tal-konsolidazzjoni fiskali tiddependi wkoll fuq il-kapaċità tal-gvern li jimplimenta b'mod effettiv il-miżuri politiċi miftiehma permezz ta' oqfsa fiskali nazzjonali xierqa. Il-kwalità tal-arranġamenti istituzzjonali u proċedurali li jirregolaw l-politiki baġitarji, bħal pereżempju r-regoli fiskali u l-oqfsa fiskali multiannwali, tinfluwenza l-ħila tal-gvern biex ifassal u jpoġġi fil-prattika b'mod effettiv l-programmi ta' konsolidazzjoni fiskali mingħajr ma joħloq tensjonijiet politiċi u ekonomiċi żejda.

(4) *Politiki ta' appoġġ:* Il-politiki baġitarji tipikament jinteraġixxu ma' strumenti oħra tat-tfassil tal-politika ekonomika. Dan huwa wkoll il-każ għall-konsolidazzjoni fiskali. L-implimentazzjoni komplimentari tar-riformi strutturali se żżid il-probabbiltà li tinkiseb korrezzjoni fiskali dewwiema, li tipproteġi wkoll it-tkabbir ekonomiku fiż-żmien qasir. Il-mezzi li permezz tagħhom ir-riformi strutturali jgħinu l-konsolidazzjoni fiskali huma tnejn: direttament billi jillimittaw jew inaqqsu t-tendenzi ta' nefqa eżistenti, u indirettament billi jtejbu l-funzjonament tas-swieq li, fl-aħħar mill-aħħar, isostnu l-attività ekonomika. Fir-realtà, hija d-dimensjoni tar-riforma strutturali li tikkonferixxi u tiżgura l-karattru dewwiemi ta' aġġustament fiskali. Ċerti riformi strutturali, b'mod speċjali r-riformi tas-sistemi tal-pensjonijiet, jistgħu jkollhom impatt pożittiv fuq il-finanzi pubbliċi fiż-żmien medju permezz ta' trażżin tan-nefqiet u żieda tal-provvista tal-ħaddiema.

(5) *Aġġustamenti fiskali bbilanċjati soċjalment:* L-iżgurar ta' baġits pubbliċi sodi hija kundizzjoni neċessarja sabiex jiġi evitat li d-dejn pubbliku li qed jiżdied mingħajr kontroll jipperikola s-sistemi tagħna ta' sigurtà soċjali fil-futur. Sabiex tinkiseb l-aċċettazzjoni politika neċessarja, il-piż tal-aġġustament jeħtieġ li jkun imqassam b'mod ġust bejn l-livelli differenti tas-soċjetà. L-aġġustamenti li jiffavorixxu kostitwenzi speċifiċi x'aktarx li se jitneħħew hekk kif tinbidel il-kompożizzjoni politika tal-gvernijiet u għalhekk jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-aġġustament fiskali.

***Prijoritajiet politiċi***

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi msemmija hawn fuq, jeħtieġ li ssir azzjoni speċjalment f'dawn l-oqsma li ġejjin fl-2011-2012:

- **F'livell tal-UE**, il-proposti leġiżlattivi biex isaħħu l-governanza ekonomika għandhom ikunu adottati skont il-ftehim mgħaġġel bejn il-koleġiżlaturi.
- **Il-konsolidazzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE għandha bilfors tibda – jew tkompli – fl-2011.** Il-pass ippjanat tal-konsolidazzjoni fiskali għandu jkun ambizzjuż, u se jkollu jaqbeż sew il-limitu ta' 0,5% tal-PDG kull sena f'termini strutturali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. L-Istati Membri li qegħdin jaffaċċjaw defiċits kbar ħafna ta' baġit strutturali, livelli għoljin ħafna ta' dejn pubbliku jew livelli għoljin ta' diffikultà finanzjarja jeħtieġu li jagħmlu l-isforzi

tagħhom b'mod bikri fl-2011. Fejn it-tkabbir ekonomiku jew id-dħul ikunu ogħla milli mistenni, il-konsolidazzjoni fiskali għandha tkun mgħaġġla.

- **L-Istati Membri li jinsabu fi proċedura ta' deficit eċċessiv għandhom jistipulaw pjan ta' nefqa u l-miżuri ġenerali li bi ħsiebhom jieħdu sabiex jiksbu t-tneħħija tad-deficits eċċessivi.**

- **L-Istati Membri kollha għandhom l-ewwel u qabel kollox jaġġustaw in-nefqa tal-gvern, filwaqt li jipproteġu n-nefqa favur it-tkabbir**, pereżempju fil-qasam tal-infrastruttura pubblika, l-edukazzjoni u r-riċerka u l-innovazzjoni. L-Istati Membri kollha, speċjalment dawk li jinsabu fi proċedura ta' deficit eċċessiv, għandhom isegwu politika fiskali prudenti billi jżommu t-tkabbir tan-nefqa pubbliku ferm taħt ir-rata tat-tkabbir tal-PDG ta' żmien medju. Dan għandu jkun kumplimentat bi sforzi biex iżidu l-kosteffiċjenza tan-nefqiet pubbliċi. Fejn il-ħtiġijiet ta' aġġustament huma partikolarment pressanti, in-nefqa għandha titnaqqas. L-Istati Membri kollha jridu juru li l-Programmi tagħhom ta' Stabbiltà jew Konverġenza huma bbażati fuq tkabbir prudenti u tbassir tad-dħul.

- **Meta tkun meħtieġa kontribuzzjoni mit-taxxi, it-tfixkil ekonomiku għandhu jitnaqqas.** Fuq kwalunkwe livell speċifiku tal-piż tat-taxxa ġenerali, is-sistemi tat-taxxa għandhom jiġu riveduti sabiex ikunu iktar favur l-impjieg, l-ambjent u t-tkabbir, pereżempju permezz ta' "riformi tat-taxxa ekoloġika" li tikkonsisti fiż-żieda tat-taxxi ekoloġiċi filwaqt li jnaqqsu taxxi oħra li huma iktar ta' tfixkil. It-twessigħ tal-bażi tat-taxxa huwa preferibbli minn żieda tar-rati tat-taxxa.

- **Ir-riformi tal-pensjonijiet, li huma maħsuba *inter alia* biex jgħollu l-età effettiva tal-irtirar, għandhom ikunu adottati u implimentati mingħajr dewmien.** Dan se jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u jwassal għal żieda fil-popolazzjoni attiva. Hemm bżonn li s-sistemi tal-kura tas-saħħa jkunu sorveljati ferm sew u, fejn meħtieġ, ikunu riformati sabiex jiżguraw kosteffiċjenza u sostenibbiltà ikbar, speċjalment fir-rigward tat-tixjiħ demografiku.

- **L-Istati Membri huma mħeġġa biex itejbu l-oqfsa fiskali domestiċi tagħhom**, fil-qasam tas-sistemi nazzjonali tal-kontabbiltà pubblika u l-istatistika, it-tbassir makroekonomiku u baġitarju, ir-regoli fiskali numeriċi, l-oqfsa baġitarji ta' żmien medju, it-trasparenza tal-finanzi ġenerali tal-gvern u l-ambitu komprensiv ta' oqfsa baġitarji.

## 3. IS-SETTUR FINANZJARJU JITRANĠA MALAJR SABIEX TINSTAB IT-TRIQ GĦALL-IRKUPRU

Grafika 14: **Għoti b'self mill-banek fl-UE**




*Sors: BĊE*

**Hemm korrelazzjoni qawwija bejn espansjoni tajba tal-kreditu u żvilupp ekonomiku sostnut.** Hekk kif bdiet il-kriżi finanzjarja, it-tkabbir tal-kreditu naqas, speċjalment fis-self korporattiv, peress li l-banek għamlu l-istandards ta' kreditu iktar stretti u d-domanda tal-kumpaniji għal finanzjament hija baxxa minħabba l-perspettiva dgħajfa ekonomika. Sa mill-bidu tal-2010, wieħed jista' jinnota żieda fis-self, li tikkoinċidi ma' rkupru kajman (ara l-Grafika 14). L-Istħarriġ tal-BĊE ta' Ottubru tal-2010 dwar is-Self Bankarju jindika li l-banek waqfu milli jagħmlu l-kundizzjonijiet ta' self iktar stretti għall-impriżi u huwa mistenni li jitnaqqsu l-istandards għall-unitajiet domestiċi. Madankollu, il-kundizzjonijiet ta' self mhumiex konsistenti ma' rkupru ekonomiku qawwi, speċjalment fir-rigward ta' self lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (ara t-tabella fl-Anness).

Huwa essenzjali li titranġa l-karta tal-bilanċ fis-settur bankarju sabiex titjib il-kosteffiċjenza, jerġa' jkun hemm il-kompetittività u jsir ritorn għal self normali. Madankollu, il-perspettiva tal-profitabbiltà tal-banek hija inċerta fost irkupru li huwa pjuttost kajman, skoperturi qawwija fis-settur tal-proprjetà immobbli u tensjonijiet fis-suq tad-dejn sovran. Ir-reazzjoni negattiva mill-ekonomija reali għas-settur finanzjarju ġiet imsaħħa f'ċerti Stati Membri b'dejn għoli tal-unitajiet domestiċi u tas-settur korporattiv mhux finanzjarju. Minħabba f'hekk, il-livell ta' self inadempjenti żdied b'mod konsiderevoli u jista' jkompli jiżdied fiż-żmien qasir (Grafika 15). Riċentement, is-sitwazzjoni ġenerali tas-settur bankarju indikat titjib tentattiv, bi profitti ogħla u tisħiħ tar-riżervi tal-kapital, minkejja li f'ċerti każijiet irriflettiet injezzjonijiet tal-kapital mill-gvern.

**Il-waqfien malajr ta' kull appoġġ pubbliku importanti lill-banek se jneħħi tfixkil possibbli lill-kompetizzjoni fl-industrija finanzjarja.** F'iktar min-nofs l-Istati Membri, l-assistenza tal-gvern qabżet il-5% tal-PDG u inkludiet miżuri bħal pereżempju l-injezzjonijiet tal-kapital, l-interventi tal-likwidità, u s-salvataġġ tal-assi u garanziji (ara l-Grafika 16). Inbdew strateġiji ta' waqfien tal-appoġġ pubbliku lill-banek filwaqt li nżammet flessibbiltà sabiex jiġi indirizzat tħassib eventwali ta' stabbiltà makro-finanzjarja. Għandhom jiġu kkunsidrati l-effetti transkonfinali tal-interventi pubbliċi minħabba l-integrazzjoni finanzjarja għolja fl-Unjoni

Ewropea kif murija mil-livell tal-assi tas-settur bankarju barrani li jilħaq il-50% tal-PDG għal ħafna Stati Membri (ara l-Grafika 14).

Grafika 15: **Self li ma jrendix fl-UE**

*Perċentwal mit-total ta' self*




*Sors: BĊE, FMI*

Grafika 16: **Interventi pubbliċi fis-settur bankarju tal-UE**




*Sors: Servizzi tal-Kummissjoni (Jannar 2010).*

**Il-kunfidenza fis-settur bankarju hija prerekwiżit biex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja.** Waħda mill-għodod biex tinżamm il-kunfidenza fuq il-ħeffa tal-istrateġiji tal-ħruġ hija l-eżerċizzju tal-ittestjar tal-istress. L-għan tal-eżerċizzju huwa biex tiġi evalwata r-reżiljenza tas-settur bankarju għal avvenimenti bi probabbiltà żgħira li jseħħu imma li jħallu impatt qawwi. Is-sensittività tar-riżerva ta' kapital tiġi eżaminata għal kundizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji negattivi. Fuq il-bażi ta' assunzjonijiet rigorużi, l-eżerċizzju li jmiss tal-ittestjar tal-istress madwar l-UE se jsir fl-2011. Ir-riżultati tal-eżerċizzju li jmiss ser ikunu disponibbli f'Ġunju 2011. Kooperazzjoni tajba fost is-superviżuri nazzjonali u l-awtoritajiet tal-UE hija kritika f'dan il-kuntest kif ukoll komunikazzjoni ċara u trasparenti tar-riżultati u l-implikazzjonijiet tagħhom.

Grafika 17: **Assi tas-settur bankarji barra 'l pajjiż**

*Perċentwal tal-PDG*




*Sors: BIS, Eurostat*

Grafika 18: **Total tal-assi tas-settur bankarju**

*Perċentwal tal-PDG*




*Sors: BĊE*

**Il-kriżi riċenti esponiet differenza ċara fil-qafas regolatorju tal-UE għas-settur bankarju u saħħet il-każ għal azzjoni fil-livell tal-UE**. L-interkonnessjoni tal-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri tal-UE - u ma' pajjiżi li mhumiex tal-UE - tissottolinea l-importanza li jiġu sorveljati l-iżviluppi fis-settur finanzjarju f'kuntest internazzjonali. Id-daqs tal-assi tas-settur bankarju mkejla bħala perċentwali tal-PDG jindika l-vulnerabbiltà partikolari ta' xi Stati Membri f'kaz ta' kriżi sistemika u insuffiċjenza ċara tal-mezzi fiskali biex jindirizzaw taqlib finanzjarju maġġuri (Tabella 18). Għalhekk, fil-livell tal-UE il-qafas regolatorju u superviżorju ssaħħaħ u għandu jitlesta malajr. F'Ottubru 2010, il-Kummissjoni indikat l-għanijiet tal-qafas legali għall-ġestjoni tal-kriżi fis-settur finanzjarju, li se jiġi propost fir-rebbiegħa tal-2011. L-għan prinċipali huwa li bank jitħalla jfalli – irrispettivament mid-daqs tiegħu – filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi bankarji essenzjali, jiġi minimizzat l-impatt ta' dak il-falliment fuq is-sistema finanzjarja u jiġu evitati l-ispejjeż lil dawk li jħallsu t-taxxa. Dan huwa essenzjali biex jiġi evitat 'il-periklu morali' li jfiġġ mill-perċezzjoni li xi banek huma kbar wisq biex jitħallew ifallu. Apparti li l-awtoritajiet jiġu mgħammra b'għodod u setgħat komuni u effettivi biex jindirizzaw kriżi bankarja, huwa essenzjali wkoll li tiġi żgurata kooperazzjoni bla problemi fost l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE kemm qabel kif ukoll matul kriżi.

**"Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà" permanenti se jiġi stabbilit fiż-żona tal-euro mill-Istati Membri biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro b'mod ġenerali.** Dan jissostitwixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni li hemm bħalissa, li jikkonsisti fil-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) li se jibqgħu fis-seħħ sa Ġunju 2013.

**Ir-regoli Basel III jimponu kundizzjonijiet aktar stretti ta' kapital fuq il-banek, u b'hekk isaħħu l-istabbiltà makro-finanzjarja.** F'Settembru tal-2010, il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja ħabbar tisħiħ sostanzjali ta' definizzjonijiet eżistenti tal-kapital. B'mod ġenerali, il-kapital tal-banek se jkun aktar baxx skont id-definizzjoni l-ġdida, li jżid id-differenza bejn il-kundizzjonijiet regolatorji. Apparti definizzjonijiet aktar stretti, il-kundizzjonijiet minimi tal-kapital se jiżdiedu wkoll gradwalment.

***Prijoritajiet politiċi***

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li ġew sottolineati hawn fuq, hemm bżonn ta' azzjoni b'mod partikolari fl-oqsma segwenti fl-2011-2012. F'dan, il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE hija ta' importanza eċċezzjonali.

- Ir-ristrutturar tal-banek, u partikolarment ta' dawk li rċevew ammonti sinifikanti ta' għajnuna mill-Istat huwa essenzjali biex tiġi restawrata l-vijabbiltà fit-tul tagħhom u jiġi żgurat kanal tal-kreditu li jiffunzjona tajjeb. Ir-ristrutturar tal-banek għalhekk jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja u jissottolinea l-provvediment tal-kreditu lill-ekonomija reali. L-appoġġ finanzjarju pubbliku għas-settur bankarju b'mod ġenerali għandu jiġi rtirat b'mod gradwali, billi jittieħed kont tal-bżonn tas-salvagwardjar tal-istabbiltà finanzjarja.

- **Huwa meħtieġ progress biex jiġi stabbilit mekkaniżmu permanenti biex jiġu solvuti kriżijiet ta' dejn sovran biex is-swieq finanzjarji jkollhom ċertezza u stabbiltà.** Fl-2013, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà se jipprovdi stabbiltà lis-swieq u jikkumplimenta l-qafas

ġdid għal governanza ekonomika rinfurzata, bil-għan ta' sorveljanza ekonomika effettiva u rigoruża, inkluż reviżjoni tal-effettività tas-salvagwardji finanzjarji kurrenti.

- **L-implimentazzjoni tar-riformi finanzjarji trid tkompli**, inkluż rinfurzar tal-qafas regolatorju u superviżorju u l-indirizzar tan-nuqqasijiet tas-suq esposti mill-kriżi. Fil-livell tal-UE, il-qafas regolatorju jrid jiġi rinfurzat aktar, filwaqt li l-kwalità tas-superviżjoni trid tittejjeb mill-ESRB u mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, li huma operazzjonali mill-bidu tal-2011.

- **Il-banek se jkunu obbligati li progressivament jsaħħu l-bażi kapitali tagħhom biex itejbu l-kapaċità tagħhom biex jirreżistu disturbi negattivi.** Dan jikkonforma mal-qafas Basel III li ntlaħaq qbil dwaru riċentement. Barra minn hekk, test tal-istress ieħor, aktar ambizzjuż u stringenti, madwar l-UE, se jsir fl-2011 bil-għan li jevalwa r-reżiljenza tas-settur bankarju.

## 4. Riformi strutturali biex jappoġġjaw it-tkabbir u jikkoreġu l-iżbilanċi makroekonomiċi

**Ir-riformi strutturali jistgħu jservu żewġ għanijiet: li jirrestawraw is-sostenituri ewlenin tat-tkabbir, u jipprevjenu jew jikkoreġu l-iżbilanċi bħala kundizzjoni ewlenija għat-tkabbir.** Dawn ir-riformi jistgħu jsaħħu l-użu tal-ħaddiema u l-produttività tal-ħaddiema. Ir-riformi strutturali jistgħu jgħinu wkoll biex isaħħu l-kompetittività u jnaqqsu l-iżbilanċi esterni fl-immedjat billi jnaqqsu r-riġiditajiet fil-prezzijiet u fil-pagi. L-iffaċilitar tar-riallokazzjoni meħtieġa tal-ħaddiema u l-kapital bejn is-setturi u l-kumpaniji huwa strumentali kemm għat-tkabbir kif ukoll għat-tnaqqis tal-iżbilanċi esterni. Filwaqt li ħafna miżuri strutturali jistgħu jappoġġjaw kemm it-tkabbir kif ukoll l-aġġustament makroekonomiku, xi wħud minnhom, bħall-politiki tal-edukazzjoni, jeħtieġu aktar żmien biex jagħtu riżultati u huma aktar adatti biex isostnu t-tkabbir fuq perjodu fit-tul. Minkejja dan, ma jfissirx li għandha tiġi posposta azzjoni biex jissaħħu dawn il-politiki.

*Riformi aċċelerati biex jiżdiedu t-tkabbir u l-impjiegi*

**Fin-nuqqas ta' politiki deċiżivi, it-tkabbir potenzjali x'aktarx li jibqa' dgħajjef fid-deċennju li jmiss**[2]. Matul il-perjodu 2011-20, ir-rata ta' tkabbir potenzjali medja hija proġettata li tkun 1½% fl-EU-27 fin-nuqqas ta' bidliet ta' politika, kif jidher fit-Grafika 19. Dan huwa ferm anqas mir-rati osservati fl-UE fl-aħħar żewġ deċennji, li kienu, wara kollox, aktar baxxi minn dawk osservati fl-Istati Uniti. Dan huwa minħabba nuqqas ta' utilizzazzjoni tal-ħaddiema fiż-żmien ta' wara l-kriżi, flimkien ma' tnaqqis fil-ħaddiema minħabba l-popolazzjoni li qed tavvanza fl-età fl-aħħar tal-perjodu u tkabbir tal-produttività kemmxejn bil-mod fl-EU-27. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri ġew affettwati b'mod qawwi mill-kriżi, kemm permezz ta' akkumulazzjoni tal-kapital kif ukoll ta' utilizzazzjoni tal-ħaddiema, u huma mistennija li jirreġistraw tnaqqis fir-riżorsi tal-ħaddiema tagħhom fl-aħħar tad-deċennju minħabba li l-popolazzjoni qed tavvanza fl-età.

Grafika 19: **Tkabbir potenzjali fil-produzzjoni sal-2020 fl-EU-27**

*Xenarju makroekonomiku bbażat fuq l-approċċ tal-funzjoni tal-produzzjoni*




*Sors: ECFIN, tbassir tal-ħarifa*

**It-tbassir tat-tkabbir huwa anke agħar fiż-żona tal-euro, u dan jikkonferma x-xejriet tal-passat.** Matul il-perjodu 2001-2010, it-tkabbir potenzjali medju kien 1, 6% fiż-żona tal-euro, meta mqabbel ma' 1.8% fl-EU-27 (Tabella 20). L-istampa tat-tkabbir tal-produzzjoni u tat-tkabbir tal-produttività xejn ma se tkun sabiħa fiż-żona tal-euro fid-deċennju li ġej, minħabba li t-tnejn huma mistennija li jkunu madwar 1¼% bħala medja. Madanakollu, l-użu proġettat tal-ħaddiema huwa simili ħafna għal dak mistenni għall-UE kollha kemm hi.

[2] It-tkabbir potenzjali jikkorrispondi għall-kunċett ta' xejra ta' tkabbir sostenibbli kumpatibbli mal-kundizzjonijiet mil-lat tal-provvista, filwaqt li jitqiesu l-fluttwazzjonijiet ċikliċi immedjati fit-tkabbir reali tal-PDG.

Grafika 20: **Tkabbir potenzjali fil-produzzjoni sal-2020 fiż-żona euro**

*Xenarju makroekonomiku bbażat fuq l-approċċ tal-funzjoni tal-produzzjoni*




*Sors: ECFIN, tbassir tal-ħarifa*

**L-esperjenzi minn kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji tal-passat jindikaw li r-rispons tal-politika jagħmel differenza kbira.** Pereżempju, ir-riċessjonijiet qwwija li bdew fl-1991 fl-Isvezja u fil-Finlandja relattivament ma damux u ma rriżultawx fi tnaqqis fit-tkabbir tal-produzzjoni potenzjali. Dan kien dovut *inter alia* għal ristrutturar sinifikanti tal-ekonomiji tagħhom. Min-naħa l-oħra, reazzjoni ta' politika insuffiċjenti għall-kriżi finanzjarja, flimkien ma' żieda fil-pressjonijiet kompetittivi minn ekonomiji emerġenti, ikkontribwew għal tnaqqis fit-tkabbir potenzjali fit-tul tal-Ġappun matul is-snin 1990.

**Azzjonijiet urġenti huma meħtieġa kemm f'livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE.** Il-politiki fil-livell tal-UE se jikkontribwixxu għaż-żieda fit-tkabbir billi, pereżempju, isaħħu s-Suq Uniku u jiffaċilitaw il-kundizzjonijiet għall-investiment. Fl-Istati Membri kollha, it-tneħħija tal-ostakoli l-aktar importanti tat-tkabbir għal perjodu ta' żmien medju jimplika, sforzi ta' riformi strutturali li jsiru bil-quddiem (għal aktar dettall, ara r-rapport dwar il-progress dwar Europa 2020 anness mal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir).

***Korrezzjoni tal-iżbilanċi makro ekonomiċi u restawrar tal-kundizzjoni ġenerali ewlenija tat-tkabbir***

**L-indirizzar tal-iżbilanċi esterni huwa partikolarment relevanti għaż-żona tal-euro u jkun jeħtieġ riformi strutturali komprensivi mmirati biex iħaffu u jtejbu l-aġġustament.** Il-korrezzjoni tal-iżbilanċi hija kruċjali għall-UE u anke aktar għaż-żona tal-euro, bħala unjoni monetarja. L-iżbilanċi f'xi wħud mill-Istati Membri taż-żona tal-euro jistgħu jimminaw ukoll il-

kredibbiltà tal-munità unika. L-azzjonijiet tal-politika ekonomika jkunu meħtieġa f'ħafna oqsma differenti inkluż fis-swieq tax-xogħol, tal-prodotti u tas-servizzi. Ir-rispons tal-politika jrid ikun differenti bejn l-Istati Membri u jrid jiġi mfassal b'attenzjoni biex jindirizza l-vulnerabbiltajiet u l-bżonnijiet speċifiċi tal-pajjiż konċernat filwaqt li jieħu kont ta' kif jista' jaffettwa lill-pajjiżi l-oħra tal-UE. B'mod ġenerali, il-politiki strutturali għandhom jistinkaw biex jagħmlu l-ekonomiji aktar flessibbli biex jipprovdu għall-aġġustamenti meħtieġa fl-UE.

Grafika 21**: Obbligi finanzjarji netti esterni; l-Istati Membri taż-żona tal-euro**

*% tal-PDG*




Grafika 22: **Obbligi finanzjarji netti esterni; l-Istati Membri mhux taż-żona tal-euro**

*% tal-PDG (skala differenti minn dik tal-Grafika 23)*




***Nota:** Ma hemmx dejta disponibbli għal Ċipru, ir-Renju Unit, Malta u l-Lussemburgu*

**Għall-Istati Membri li juru defiċits kbar fil-kont kurrenti, kompetittività dgħajfa u kapaċità ta' aġġustament dgħajfa, aġġustamenti kbar għall-prezzijiet u l-ispejjeż ikunu meħtieġa biex tiġi restawrata l-kompetittività domestika u esterna.** Kejl importanti biex jevalwa s-sostenibbiltà tad-defiċits tal-kont kurrenti hija l-pożizzjoni tal-assi esteri netti ġenerali, li jkejlu l-livell tad-dejn estern (Tabelli 21 u 22). Minkejja t-tnaqqis fil-livell tad-defiċits tal-kont kurrenti wara l-kriżi, Stati Membri b'defiċits kbar komplew jaraw id-dejn tagħhom jikber vis-à-vis l-bqija tad-dinja. Filwaqt li l-mekkaniżmi tas-suq jistgħu jsostnu dan l-aġġustament bi tnaqqis qawwi fid-domanda domestika u żieda fir-rata tal-qgħad, aġġustament aktar mgħaġġel u b'anqas tbatija jista' jinkiseb permezz tal-politiki adatti dwar il-pagi. Dawn ikunu jinkludu bidliet għar-regoli tal-indiċizzazzjoni tas-salarji, sinjali adatti mill-ħlas tas-salarji fis-settur pubbliku u mekkaniżmi aktar effiċjenti biex jiġu stabbiliti s-salarji. Ir-riformi fis-suq tal-prodotti jkunu meħtieġa wkoll biex jindirizzaw ir-riġiditajiet nominali u biex inaqqsu l-prezzijiet finali billi titnaqqas il-kera inkorporata (jiġifieri anqas żieda fil-marġini tal-prezzijiet fuq l-ispejjeż). L-implimentazzjoni sħiħa tad-direttiva tas-servizzi, li żżid il-kompetizzjoni fis-servizzi regolati, hija pass ta' politika partikolarment importanti. Il-politiki biex isaħħu l-kompetittività fl-oqsma l-oħra apparti dak tal-prezzijiet huma wkoll essenzjali f'dan ir-riwgard.

**Il-miżuri li jindirizzaw ir-riġiditajiet nominali jkunu jeħtieġu li jkunu akkumpanjati minn miżuri strutturali li jappoġġjaw ir-riallokazzjoni tal-ħaddiema bejn il-kumpaniji u s-setturi.** Biex l-ekonomija titmexxa fi triq aktar sostenibbli jkun hemm bżonn li jitneħħa l-ħela tal-passat u għalhekk mhux biss titjib tal-kompetittività tal-prezzijiet tas-settur tal-esportazzjoni u

tnaqqis tal-prezzijiet relattivi ta' dak li mhux kummerċjabbli. L-ibbilanċjar mill-ġdid tal-prezzijiet ikun assoċjat ma' allokazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi tal-ħaddiema u l-kapital mis-settur mhux kummerċjabbli għas-settur kummerċjabbli, espost direttament għall-kompetizzjoni estera. Min-naħa tal-ħaddiema, din ir-riallokazzjoni tkun tinkludi adattament tal-leġiżlazzjoni għall-ħarsien tal-ħaddiema u inċentivi finanzjarji aħjar biex wieħed jgħaddi mill-qgħad għax-xogħol. Din ir-riallokazzjoni tiġi appoġġjata minn aġġustament tas-salarji relattiv bejn setturi kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli. Politiki attivi tas-suq tax-xogħol ikollhom rwol ta' appoġġ: it-tisħiħ ta' aġenziji ta' ppustjar, provvediment ta' taħriġ u politiki tas-suq tax-xogħol attivi mmirati aħjar għall-aktar gruppi vulnerabbli. It-titjib fl-ambjent tan-negozju, li jimplika żieda fil-kompetizzjoni fis-servizzi regolati u aktar tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi, jista' jappoġġja l-mobbiltà tal-kapital fid-direzzjoni tas-setturi l-aktar produttivi.

**Fl-Istati Membri b'bilanċi kbar fil-kont kurrenti, is-sorsi ta' domanda domestika dgħajfa b'mod persistenti jridu jiġu identifikati.** Id-dejta riċenti qed tinkoraġġixxi u tindika li għaddej aġġustament fejn id-domanda domestika qiegħda żżid is-saħħa dejjem aktar u l-proċessi tal-aġġustament tal-karta tal-bilanċ (korporattiva) tal-passat qed jiġu fi tmiemhom. Madanakollu, fejn id-domanda domestika għadha kemmxejn fjakka minħabba nuqqas tas-suq jew tal-politika, għandhom jiddaħħlu fis-seħħ politiki adatti. Tali politiki jistgħu jindikaw aktar liberalizzazzjoni tas-settur tas-servizzi u titjib tal-kundizzjonijiet għall-investiment.

**Jeħtieġ li jiddaħħlu fis-seħħ politiki biex jipprevjenu l-iżbilanċi milli jerġgħu jfiġġu fil-futur.** Il-kundizzjonijiet li wasslu għal tkabbir eċċessiv tal-kreditu u bżieżaq fil-prezzijiet tal-assi jkollhom bżonn jiġu riveduti. Sfida ewlenija għal dawk li jfasslu l-politika għalhekk tkun li jitfasslu u li jiddaħħlu fis-seħħ riformi strutturali li jillimitaw l-okkorrenza ta' eċċess tal-kreditu u tal-prezzijiet tal-assi imma wkoll li jitfasslu strumenti speċifiċi li jnaqqsu d-domanda jekk ikun meħtieġ. Miżuri regolatorji li jnaqqsu l-proċikliċità tal-provvediment tal-kreditu jidhru li huma partikolarment relevanti f'dan il-kuntest u huwa meħtieġ aktar xogħol. Mingħajr preġudizzju għas-suq intern, dan jista' jfisser li jiġi żgurat li l-obbligi tal-kapital tal-banek jirriflettu kif suppost id-differenzi reġjonali fil-valutazzjoni żejda tal-prezzijiet tal-assi. Fatturi strutturali tas-suq tad-djar li jżidu l-probabbiltà li tiżviluppa bużżieqa inkluż inċentivi tat-taxxa għas-self fuq id-djar, jeħtieġ jiġu riveduti. Barraminnhekk, titjib fil-flessibbiltà u l-kapaċitajiet ta' aġġustament tal-ekonomiji permezz tas-swieq tal-prodotti jrendihom aktar reżiljenti u jiffaċilita l-aġġustamenti meħtieġa fil-każ ta' disturbi maġġuri.

### *Prijoritajiet politiċi*

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li ġew sottolineati hawn fuq, hemm bżonn ta' azzjoni b'mod partikolari fl-oqsma segwenti fl-2011-2012:

- **Jenħtieġ li jiġu mobilizzati fatturi li jsostnu t-tkabbir fil-livell tal-UE.** Jenħtieġ li jintlaħaq qbil fuq proposti leġiżlattivi ewlenin fil-kuntest tal-Att tas-Suq Uniku (għal aktar dettall, ara r-rapport ta' progress dwar Europa 2020).

- **Fi Stati Membri f'defiċits kbar fil-kont kurrenti jew livelli għoljin ta' dejn, ir-riformi li jaffettwaw is-sistemi li jistabbilixxu s-salarji u s-swieq tas-servizzi huma importanti biex itejbu r-rispons bejn il-prezz u s-salarji.** Titjib fl-ambjent tan-negozju permezz ta' żieda fil-

kompetizzjoni (eżempju permezz tad-Direttiva dwar is-Servizzi) u tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi jgħinu wkoll f'dan ir-rigward.

- **Miżuri li jappoġġjaw ir-riallokazzjoni tar-riżorsi bejn il-kumpaniji u s-setturi huma meħtieġa b'mod qawwi.** Dawn jinkludu leġiżlazzjoni għall-ħarsien tal-impjiegi li ma tfixkilx ir-riallokazzjoni tar-riżorsi bejn is-setturi, inċentivi finanzjarji aħjar għax-xogħol u politiki attivi tas-suq tax-xogħol immirati aħjar għall-aktar vulnerabbli. Il-miżuri li jeliminaw it-tfixkil għad-dħul u l-ħruġ (kundizzjonijiet biex tiftaħ negozju) u l-investiment (bħall-armonizzazzjoni tal-bażijiet tat-taxxa fuq il-kumpaniji) jkunu importanti wkoll biex tiġi faċilitata r-riallokazzjoni settorali lejn attivitajiet b'valur miżjud ogħla u tkabbir aktar mgħaġġel.

- **L-Istati Membri b'bilanċi kbar fil-kont kurrenti jenħtieġ li jidentifikaw u jindirizzaw is-sorsi ta' domanda domestika dgħajfa.** Tali politiki jistgħu jindikaw aktar liberalizzazzjoni tas-settur tas-servizzi u titjib tal-kundizzjonijiet għall-investiment.

- **L-Istati Membri kollha għandhom jagħmlu minn kmieni riformi strutturali li jneħħu l-aktar ostakoli importanti għat-tkabbir għal perjodu ta' żmien medju.** Fuq il-bażi tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (NRPs) sottomessi mill-Istati Membri, il-miżuri pjanati jidhru li huma insuffiċjenti f'termini ta' ambizzjoni, u għalhekk x'aktarx li ma jkollhomx impatt materjali fuq it-tkabbir u l-impjiegi fuq perjodu ta' żmien medju. L-Istati Membri, fl-NRPs finali tagħhom, jenħtieġ li jkunu aktar preċiżi dwar il-pjanijiet ta' riforma tagħhom, biex jieħdu azzjoni bikrija u biex iżidu l-livell ta' ambizzjoni ġenerali tagħhom.

## Anness: Tabella 1. Xi indikaturi, skont il-pajjiż, tat-tkabbir u l-impjiegi, il-pożizzjoni fiskali, il-kundizzjonijiet tas-suq finanzjarju u ta' żbilanċi makro

| | Tkabbir u Impjiegi | | | | | | Finanzi Pubbliċi | | | | Żbilanċi Makroekonomiċi | | | | | Swieq Finanzjarji | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **PDG kull ras** | **Tkabbir fil-PDG** | **Rata tal-Impjiegi** | **Żieda fl-Impjiegi** | **Rata tal-qghad** | **Produttivita tal-Ħaddiema** | **Pożizzjoni Fiskali** | **Dejn pubbliku gross** | **Sostenibbilta fiskali (S2)** | **Piż totali tat-taxxa** | **Kont kurrrenti bhala sehem mill-PDG** | **Assi barranin netti** | **Rata reali effetiva tal-kambju (deflazzjonat bil-kosti unitarji tax-xoghol)** | **Dejn tas-settur privat bhala sehem mill-PDG** | **HICP** | **Diff fir r-rata tal-Imghax ghat-tul kumparata mal-Ġermanja** | **Proporazjon ta' adegwatezza kapitali** | **Self li ma jrendix** | **Ritorn fuq l-ekwita** |
| | Livell imqabbel mal-UE27 =100 | Rata annwali ta' bidla | Grupp ta' eta 20-64 | rata annwali ta' bidla | | Livell imqabbel mal-UE27 =100 | Self nett, % PDG | %PDG | Livell gholi jfisser sostenibbiltà batuta | Taxxi totali bhala % tal-PDG | Medja, bi 3 snin lura, tal-bilanċ tat-tranżazzjoni kurrenti, % PDG | % PDG | % differenza mill medja ghat-tul. Valur gholi jfisser anqas kompetittività | livelli | rata annwali ta' tkabbir | | | | |
| | 09 | 11-12 | 09 | 11-12 | 09 | 08 | 09 | 09 | 09 | 09 | 09 | 09 | 09 | 09 | 09 | 2010-Q3 | 09 | 09 | 09 |
| **BE** | 128 | 1,9 | 67,1 | 0,5 | 7,9 | 125,1 | -6,1 | 96,2 | 6,5 | 45,7 | 2,3 | 35 | 7,8 | 223 | 0,0 | 0,7 | 17,3 | 4,1 | -2,4 |
| **DE** | 129 | 2,1 | 74,8 | 0,5 | 7,5 | 104,7 | -3,0 | 73,4 | 4,5 | 41,1 | 6,5 | 30 | -5,8 | 154 | 0,3 | 0,0 | 14,3 | 3,2 | -1,8 |
| **IE** | 148 | 1,4 | 66,7 | -0,1 | 11,9 | 132,1 | -14,4 | 65,5 | 14,8 | 29,6 | -4,7 | . | 20,2 | 387 | -1,9 | 3,2 | 12,8 | 9 | -36,1 |
| **EL** | 78 | -0,9 | 65,8 | 0,6 | 9,5 | 98,0 | -15,5 | 126,8 | 20,3 | 33,0 | -15,4 | -110 | 12,8 | 139 | 1,5 | 8,4 | 11,7 | 5,2 | 2,1 |
| **ES** | 82 | 1,2 | 63,7 | -1,3 | 18,0 | 111,0 | -11,1 | 53,2 | 15,3 | 32,3 | -8,4 | -90 | 12,4 | 289 | -0,3 | 1,8 | 12,2 | 3,6 | 8,8 |
| **FR** | 121 | 1,7 | 69,6 | 0,9 | 9,5 | 120,6 | -7,6 | 78,1 | 7,1 | 43,8 | -2,6 | -2 | 5,1 | 224 | 0,1 | 0,4 | 12,2 | 4,3 | 0 |
| **IT** | 97 | 1,3 | 61,7 | 0,2 | 7,8 | 109,8 | -5,2 | 116,0 | 2,6 | 43,4 | -2,7 | . | 14,6 | 176 | 0,8 | 1,5 | 11,7 | 6,9 | 4 |
| **CY** | 80 | 1,9 | 75,7 | 0,5 | 5,3 | 88,9 | -6,0 | 58,0 | 12,5 | 34,2 | -12,7 | . | 10,3 | . | 0,2 | 2,2 | 12,1 | 4,3 | 10 |
| **LU** | 281 | 3,0 | 70,4 | 1,8 | 5,1 | 169,9 | -0,7 | 14,5 | 12,7 | 38,0 | 6,9 | . | 12,7 | . | 0,0 | 0,3 | 18,1 | 1,3 | 8 |
| **MT** | 57 | 2,1 | 58,8 | 1,3 | 7,0 | 88,1 | -3,8 | 68,6 | 6,4 | 36,1 | -6,0 | . | 11,5 | . | 2,0 | 1,6 | 24,2 | 1,7 | 17,6 |
| **NL** | 138 | 1,6 | 78,8 | 0,3 | 3,7 | 111,0 | -5,4 | 60,8 | 8,5 | 39,0 | 5,5 | 63 | 8,7 | 251 | 1,0 | 0,2 | 15 | 0,4 | -0,2 |
| **AT** | 138 | 1,9 | 74,7 | 0,7 | 4,8 | 111,6 | -3,5 | 67,5 | 4,6 | 44,4 | 3,4 | -4 | -1,9 | 156 | 0,4 | 0,5 | 12,7 | 2,7 | 2,8 |
| **PT** | 61 | -0,1 | 71,2 | -0,5 | 9,6 | 74,1 | -9,4 | 76,1 | 8,9 | 33,9 | -11,0 | -106 | 8,7 | 332 | -1,0 | 3,2 | 10,5 | 2,7 | 5,4 |
| **SI** | 66 | 2,3 | 71,9 | 0,2 | 5,9 | 81,8 | -5,8 | 35,4 | 12,2 | 38,0 | -4,2 | -35 | 9,2 | 178 | 1,0 | 1,3 | 11,7 | 2,3 | 1,1 |
| **SK** | 30 | 3,4 | 66,4 | 0,6 | 12,0 | 78,7 | -7,9 | 35,4 | 8,5 | 28,9 | -5,0 | -43 | 54,2 | 140 | 1,0 | 1,3 | 12,7 | 3,5 | 5,6 |
| **FI** | 140 | 2,6 | 73,5 | 0,5 | 8,2 | 107,2 | -2,7 | 43,8 | 4,3 | 43,2 | 3,0 | -1 | 8,7 | 213 | 1,7 | 0,3 | 14,6 | 1,1 | 7,1 |
| **BG** | 13 | 3,2 | 68,8 | 0,9 | 6,8 | 38,6 | -4,7 | 14,7 | 2,8 | 30,2 | -16,4 | . | 50,0 | . | 3,2 | 3,6 | 17 | 11,5 | 8 |
| **CZ** | 38 | 2,7 | 70,9 | 0,2 | 6,7 | 71,8 | -5,8 | 35,3 | 9,8 | 34,5 | -1,5 | . | 41,5 | . | 0,7 | 1,2 | 14 | - | 17,1 |
| **DK** | 160 | 1,8 | 77,8 | 0,3 | 6,0 | 100,4 | -2,8 | 41,4 | -1,4 | 49,2 | 2,5 | 4 | 18,9 | 278 | 1,1 | 0,1 | 16,1 | 2,8 | -3,8 |
| **EE** | 32 | 4,0 | 69,9 | 2,4 | 13,8 | 64,5 | -1,8 | 7,2 | 1,2 | 36,0 | 4,5 | -80 | 48,0 | 244 | 0,2 | 2,9 | 12,6 | 8,9 | -48,5 |
| **LV** | 26 | 3,7 | 67,1 | 0,5 | 17,1 | 50,0 | -10,2 | 36,7 | 9,0 | 27,0 | -8,9 | . | 51,8 | 184 | 4,4 | 7,6 | 13,7 | 13,6 | -52,4 |
| **LT** | 27 | 3,0 | 67,2 | 1,6 | 13,7 | 55,5 | -9,2 | 29,5 | 10,4 | 30,0 | -8,5 | -66 | 29,4 | 132 | 5,1 | 2,7 | 12,9 | 15,4 | -70,1 |
| **HU** | 30 | 3,0 | 60,5 | 0,5 | 10,0 | 70,2 | -4,4 | 78,4 | -1,3 | 39,6 | -4,8 | -120 | 13,0 | 209 | 4,8 | 4,7 | 14,4 | 7,7 | 22,5 |
| **PL** | 33 | 4,0 | 64,9 | 1,3 | 8,2 | 65,4 | -7,2 | 50,9 | 5,6 | 31,9 | -3,9 | -64 | -7,0 | 110 | 4,3 | 3,2 | 13,5 | 6,4 | 7 |
| **RO** | 14 | 2,6 | 63,5 | 0,4 | 6,9 | 47,2 | -8,6 | 23,9 | 9,7 | 28,2 | -9,8 | -51 | 56,0 | 211 | 6,7 | 4,7 | 15,8 | 5,7 | 5,9 |
| **SE** | 162 | 2,8 | 78,3 | 0,8 | 8,3 | 111,2 | -1,0 | 41,9 | 0,5 | 46,9 | 8,2 | -7 | -12,2 | 277 | 2,1 | 0,1 | 12,7 | 2 | 5,4 |
| **UK** | 143 | 2,4 | 73,9 | 0,4 | 7,6 | 110,3 | -11,3 | 68,2 | 13,5 | 36,7 | -1,8 | . | -12,3 | 243 | 2,3 | 0,4 | 14,9 | 3,5 | 0,4 |
| **EA (17)** | 110 | 1,6 | 69,0 | 0,4 | 9,5 | 109 | -6,3 | 79,2 | 6,8 | 40,5 | -0.6 | -19.1 | 6,1 | 205 | 0,3 | 1,0 | 13,2 | 4 | 0,4 |
| **EU (27)** | 100 | 1,9 | 69,1 | 0,5 | 8,9 | 100 | -6,8 | 74 | 7,5 | 39,8 | -1.1 | -3.5 | 4,8 | 208 | 1,0 | 1,2 | 13,6 | 3,9 | 0,6 |